SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 15/K10/25**

Data tal-laqgħa: 27 ta' Mejju 2025

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Sean Gauci - Viċi Sindku
Mario Amaira – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Victor Vella – Kunsilliera
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Carlo Mifsud - Kunsillier
David Caruana - Kunsillier
Gabriel Borg Ferrando – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (0)**

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Malcolm Agius Muscat– Aġent Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Demanuele – Assistant Prinċipal
Daniel Galea – Accountant

Preżenza tal-pubbliku – (3)

**Minuti**

**Talba**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Inqrat it-Talba

**15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

15.1.01 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**15.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

15.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 14/K10/24.

15.2.02 Il-Kunsilliera Patricia Camillieri resqet il-punt dwar 14.3.30 għandha tiġi miktuba 'ser jieħu ħsieb' filwaqt li dwar 14.3.34 għandha tinkiteb l-email hi dwar l-Erasmus+.

15.2.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-Minuti.

15.2.04 Il-Kunsillier Carlo Mifsud ssekonda.

15.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament

**15.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

15.3.01 Dwar il-bye-laws il-Kunsill ġie nfurmat li dawn qeghdin għand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali filwaqt li l-bye-law tan-naħal ġiet approvata.

15.3.02 Ic-Ċermen nforma lill-Kunsilliera li Kunċert tal Bajja ta San Ġorġ li kien ġie diskuss waqt is-sotto-Kumitat u li l-Kunsill applika għalih bl-iskema SPI/SCI/02/2025 ser issir b'kollaborazzjoni mal-awtorità tat-Turiżmu u diversi entitajiet oħra u dan il-kunċert ser issir fit-13 ta' Settembru 2025 u għandu jissemma Beach Feast. Ġie deċiż ukoll li l-Kunsill għandu jipproponi li l-attività tispiċċa bil-ħruq tan-nar tal-ajru.

15.3.03 Dwar il-Laqgħa Annwali li saret fid-9 ta' Mejju 2025, c-Ċermen nforma lill-Kunsilliera li qed jsir ix-xogħol fuq l-ilmenti li ntqalu waqt din il-laqgħa.

15.3.04 Iċ-Ċermen nforma lill-Kunsilliera li l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli u l-Kunsillier David Caruana kienu biss huma li bagħtu il-lista bil-proposti tac-CCTV Cameras għalhekk ic-Ċermen ħeġġeġ lill-Kunsilliera sabiex jibaghtu l-lista tagħhom mill-aktar fis possibbli. Il-Kunsilliera ġew nfurmati ukoll li l-Gvern beda jwahhal xi cameras viċin Triq Ross u qed jassumi li dawn kienu parti mill-progett li ser issir fiz-zona ta' Paceville.

15.3.05 Dwar it-trenching ic-Ċermen spjega dwar ix-xogħolijiet li lesti u l-postijiet li fadal jsiru x-xogħolijiet. Ic-ċermen nforma ukoll lill-Kunsilliera li t-tarmak ta kull fejn sar t-trenching ser jibda f'Settembru min-naħa tal-Balluta madanakollu f'ċertu toroq ser jerġa jsir trenching biex jaghddu servizzi ta' drenaġġ u ilma. Ic-ċermen nforma ukoll llum xogħol beda xoghol t'asfaltar fin-niezla li taghti mill-hrug tal-mina ta' Triq Regjonali u li taghti ghall-Triq Baltiku, ser issir tarmak 'SMA' fi Triq Mikiel Ang Cagaino u asfaltar fi Triq Baltiku.

15.3.06 Il-Viċi-Sindku Sean Gauci wasal fil-5.30p.m.

15.3.07 Il-Kunsilliera ġew nfurmati li l-Kunsill qed jistenna s-survey mingħand il-Perit tal-Kumpless Dun Anton Sciberras u meta jitlesta dan għandu jitressaq għal-attenzjoni tal-Kunsill.

15.3.08 Iċ-Ċermen nforma lill-Kunsilliera li l-ittra tal-alkoħol ntbagħtet lill-ħwienet rispettivi u ġie deċiż li din għandha tiġi ppubblikata fuq Facebook ukoll.

15.3.09 Ic-Ċermen informa lill-Kunsilliera bil-programm tal-festa ta' Lapsi li ser issir nhar il-Hadd 1 ta' Ġunju 2025.

15.3.10 Iċ-Ċermen nforma li f'Jum l-Omm saret l-attività u li din kienet suċċess filwaqt li għalissa l-attivitajiet ser jitwaqqfu minħabba s-Sajf.

15.3.11 Il-Bord tal-Evalwazzjoni tal-Mini Bus ser ikunu ic-Ċermen is-Sur Guido Dalli, l-Viċi Sindku Sean Gauci u l-Minority Leader l-Kunsillier Mario Amaira. L-evalwazzjoni ta' din il-kwotazzjoni għandha ssir nhar is-Sibt 31 ta' Mejju 2025.

15.3.12 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera li l-Kunsill ġie nfurmat mit-Transport Malta li s-sistema tar-*residential parking* bhalissa qeghda *on hold*.

15.3.13 L-accountant is-Sur Daniel Galea ta spjegazzjoni fuq l-Audited Report filwaqt li nforma lill-Kunsilliera dwar l-adjustments saru fuq rakkomandazzjoni tal-Awdituri. Il-Kunsilliera preżenti ghaddew għal-vot, fejn ħames Kunsilliera vvutaw favur, hadd ma vvota kontra u erbgħa Kunsilliera astjenew minħabba li ma kienux membri fil-Kunsill fis-sena 2023. Għalhekk l-*Audited Financial Statements* ġew iffirmati.

15.3.14 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li wara laqgha li kellhu ma wiehed mid-diretturi tal-kumpanija SPAR fejn talbet li taghmel xoghol fil-komunita. Hi pproponiet li kultant żmien tnaddaf il-Pjazza tal-

Balluta u li tiehu hsieb il-manutenzjoni ta' amont ta' bankijiet li hemm quddiem il-hanut taghha, u l-Kunsill qabel li fuq dawn il-bankijiet jista' jitwahhal riklam zghir ta' din l-entita.

15.3.15 Il-Kunsillier Carlo Mifsud talab li jingħata nformazzjoni dwar il-pots li jinsabu fuq il-promenade quddiem in-Neptunes. Gie deċiż li tintbagħat ittra lill-MTA u lill FTZRA dwar il-kundizzjonijiet u jekk hemmx xi hlas dovut dwar l-pots imsemmija. Dan sabiex jekk dawn il-kundizzjonijiet m'humiex jiġu osservati, jintalab li dan jitwaqqaf u jiġi taht ir-responsabiltà tal-Kunsill.

15.3.16 Dwar il-proġetti tal-latrini fil-lokalita, c-Ċermen informa li latrina tal-Balluta sar xogħol fuq barra u aktar il-quddiem ser jsir xoghol fuq ġewwa ukoll, filwaqt li xoghol fuq il-latrina ta' Spinola miexi sew u l-gimgha d-diehla ser jibda jeħel il-madum.

15.3.17 Ic-Ċermen informa lill-Kunsilliera li ser ikun qed jiltaqa' ma' kuntrattur sabiex jġib stima fuq xogħolijiet li jridu jsiru fuq il-*cobbles* hemm fi Triq Sant'Anglu, Triq il-Karmnu u Triq Sant'Elija.

15.3.18 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera li nhar it-Tlieta 3 ta' Ġunju 2025 ser issir laqgħa mal-Infrastructure Malta dwar il-proposta tal-breakwater f'San Giljan. Din ser tkun f'nofsinhar u ser issir *online.* Għal din il-laqgħa ser ikunu preżenti is-Sindku u l-Kunsillier Carlo Mifsud, li ressaq il-proposta.

15.3.19 Dwar it-tender tal-latrini, c-Ċermen ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera li għaddej il-proċess sabiex jinħareġ dan it-tender.

15.3.20 Iċ-Ċermen ta' spjegazzjoni dwar il-kawża li tela' jixhed din il-ġimgha dwar kamra li l-ħaddiema tal-*Cleansing* qed jerfgħu il-karretti fiha taht is-San Raffael Restaurant. Hu ssugerixxa li joffri post alternatiiv jigifiri il-latrina l-antika tan-niesa. Il-Kunsillier Carlo Mifsud sab oġġezzjoni ghal dan is-suggeriment. Ic-Cermen ssuggerixxa li dan il-kaz ghandhu jkompli jiġi diskuss wara li l-Qorti tiddeċiedi dwar il-kaz.

15.3.21 Iċ-Ċermen ressaq talba dwar l-pubblikazzjoni tal-ktieb Lapsi 2025 fejn huma talbu €250. Ghal festa, jinhargu erbgha kotba, tlieta tal-baned u wiehed tal-Knisja ta' Lapsi. Filwaqt li lit-tlett baned ntuhom €1500 fis-sena gie deċiż li lill baned ntuhom €100 kull wiehed ghar-riklam tal-ktieb tal-festa u lill-Ghaqda Knisja Lapsi peress li ma tiehux €1500, ghandhom jinghataw l-ammont mitlub jiġifieri €250.

15.3.22 Saret riferenza għal kwotazzjoni mingħand l-Exterminator dwal il-bramel minħabba l-baghal taz-zunzan. Ġie deċiż li din il-kwotazzjoni tiġi aċċettata filwaqt li l-Kunsilliera ghandhom

jibnghatu l-postijiet fejn jahsbu li hemm bżonn li jiġu mdendla dawn il-bramel.

15.3.23 Iċ-Ċermen ta' spjegazzjoni dwar talba sabiex tiġi provduta kamra ghas-servizzi psikoloġiċi organizzati mill-Anzjanità Attiva u ġie deċiż li tiġi proposta s-sala tal-Każin tal-Banda San Giljan filwaqt li l-Kunsill għandu jitlob informazzjoni jekk l-Kunsill għandux jħallas xi spejjez għal dan is-servizz.

15.3.24 Iċ-Ċermen qara l-ittra li bagħat l-Avukat dwar Shokkri Bakko u ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jsir l-appell imsemmi mill-Avukat.

15.3.25 Dwar email mingħand il-Kunsilliera Patricia Camilleri, hi taghat spjegazzjoni dwar l-laqgħa li saret ħabba l-ERASMUS+. Għalhekk ġie deċiż li l-Kunsill għandhu jibghat d-dettalji lill-Focus Europe sabiex jigwidawna fuq dan il-progett.

15.3.26 Il-Kunsilliera ġew nfurmati b'email rigward il-Kunsill tat-tfal. Ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li dawn il-laqgħat jibdew issiru mal-Kunsilli l-oħra.

15.3.27 Il-Kunsilliera ġew nfurmati li Festivals Malta talbu li jitpoġġew *totems* fuq il-promenade fl-area tal-Balluta u għalhekk ġie deċiż li ma jsib oġġezzjoni li dawn jsiru dment li jinħargu l-permessi kollha meħtieġa.

15.3.28 Dwar it-talba li l-Kunsill irċieva mingħand l-UTV ġie deċiż li l-Kunsill jagħti l-kontribuzzjoni msemmija sabiex jixxandru iż-żewġ festi tal-lokalita.

15.3.29 Ic-Ċermen ressaq talba sabiex il-Gin Festival li ser issir il-Ġnien ta' Spinola jibda il-Ħamis 17 ta' Lulju u sabiex jiġu mxandra l-logħob tal-Fifa Club World Cup u dan għandu jsir ġewwa l-Ġnien Spinola. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba dment li jinħargu l-permessi kollha neċessarji.

15.3.30 Dwar il-Mistoqsija Parlamentari li l-Pulizija talbet l-informazzjoni dwara lill-Kunsill fir-rigward il-Ġnien Spinola, ġie deċiż li l-Kunsill ma jaqbilx li dan il-ġnien jibda jingħalaq. Madanakollu għandhom jiġu nfurmati li l-Kunsill qiegħed fil-proċess sabiex jsir upgrade ta dan il-ġnien.

15.3.31 Fir-rigward it-talba li l-Kunsill irċieva sabiex jsir filming fil-Bajja ta' San Ġorġ, ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment li qabel jinħargu l-permessi kollha neċessarji.

## 15.4 Ħatra ta' Bord għall-Għażla ta' Segretarju Eżekuttiv

15.4.01 Inġibdet għal-attenzjoni tal-Kunsill il-proċess sabiex jintagħżel Segretarju Eżekuttiv ġdid għal-Kunsill. Għalhekk ic-Ċermen ppropona li l-Membri tal-bord tal-għażla jkunu s-Sindku Guido Dalli, l-Viċi-Sindku Sean Gauci u l-Minority Leader Mario Amaira. Il-Kunsillier David Caruana talab li ssir mozzojoni fejn fiha ppropona li l-Membri tal-bord ghandhom ikunu is-Sindku Guido Dalli, l-Minority Leader Mario Amaira u l-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando minħabba li hu m'għandux fiduċja li l-Viċi Sindku Sean Gauci ser jagħmel l-aħjar għażla. Is-Sindku ressaq kontra-mozzjoni fejn hu qal li ma jaqbilx ma' dak li kien qed jghid il-Kunsillier David Caruana u rega' talab li l-bord ghandhu jkun ffurmat mis-Sindku Guido Dalli, l-Vici-Sindku Sean Gauci u l-Minority Leader Mario Amaira. Il-Kunsill għadha għal-vot u l-Kunsilliera Carlo Mifsud u David Caruana talbu li jitnizzlu l-ismijiet tal-Kunsilliera kif ikunu vvutaw. Il-Kunsill mar ghal-vot fuq il-mozzjoni tal-Kunsillier David Caruana fejn l-istess Kunsillier David Caruana vvota favur il-mozzjoni li għamel, Is-Sindku Guido Dalli, l-Vici-Sindku Sean Gauci u l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli, Victor Vella, Gabriel Borg Ferrando u Carlo Mifsud vvutaw kontra l-mozzjoni u l-Kunsilliera Mario Amaira u Patricia Camilleri asstjenew.

15.4.02 Wara l-Kunsill mar ghal-vot fuq il-kontra-mozzjoni li ressaq is-Sindku Guido Dalli fejn ppropona li l-bord ikun magħmul mis-Sindku Guido Dalli, Viċi-Sindku Sean Gauci u l-Minority Leader Mario Amaira. Is-Sindku Guido Dalli, il-Viċi-Sindku Sean Gauci, l-Kunsilliera Victor Vella, Rita Dimech Portelli Gabriel Borg Ferrando, u Carlo Mifsud vvutaw favur, l-Kunsillier David Caruana vvota kontra u l-Kunsilliera Mario Amaira u Patricia Camilleri asstjenew. Għalhekk ġie deċiż li s-Sindku Guido Dalli, l-Viċi-Sindku Sean Gauci u l-Minority Leader Mario Amaira ser ikunu fil-bord tal-għażla.

15.4.03 L-Intervisti lill-kandidati ser issir nhar is-Sibt 31 ta' Mejju 2025.

15.4.04 Ġie deċiż ukoll li l-Kunsill għandu jimxi mal-assenjar tal-punti kif ġie propost mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali.

15.4.05 Il-Kunsillier Carlo Mifsud talab ukoll li d-decizjoni li jitnizlu l-ismijiet meta jittieħed vot għandha tibqa valida għal kull meta l-Kunsill jieħu vot imma l-Agent Segretarju Ezekuttiv is-Sur Malcolm Agius Muscat qal li din mhux in-norma tar-regolamenti però la l-Kunsillier Carlo Mifsud qed jitloba, l-Kunsill qed jaċċetta din il-proposta f'dan il-kaz partikolari.

## 15.5 Tweġibiet għal-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

15.5.01 Il-Kunsillier Mario Amaira talab informazzjoni dwar fiex wasal il-bust ta' Dun Anton Sciberras. Ic-Cermen ssuggerixxa li l-ewwel ghandha titnbaghat ittra lill-Kappilan tal-Parrocca biex naraw fiex wasal il-process u jekk r-risposta ma tkunx cara ghandha tintbaghat ittra lill-Kurja.

15.5.02 Il-Kunsillier Carlo Mifsud staqsa għal skeda kif ser issiru x-xogħolijiet fuq il-bankini u c-Ċermen informa lill-Kunsill li din il-lista ser titressaq waqt l-laqgha informali. Il-Kunsillier Mifsud ressaq talba li hemm bżonn jsiru No entry Signs fi Triq San Ġorġ ħdejn il-Mercury kif ukoll No Turning Left kif ukoll teħel tabella ta' No Entry fi triq il-Knisja ħdejn il-La Maltija. Il-Kunsillier Carlo Mifsud ġibed l-attenzjoni ukoll dwar soft area li hemm fl-area tal-bini tal-Gvern li kellha tiġi rranġata u x'progress sar fuqha. Ġie deċiż li l-laqgħa informali dwar it-tabelli tat-toroq ser issir nhar it-Tlieta 3 ta' Ġunju 2025 fil-5.00p.m.

15.5.03 Il-Kunsillier David Caruana ressaq ilment li t-taraġ ta' Triq Jean houel għandu bżonn jiġi rranġat b'mod urġenti u hawnhekk ġie deċiż li għandha tintbagħat ittra lil Perit li l-Kunsill mhux ser jinżamm responsabbli għal periklu li hemm f'dan it-taraġ f'każ ta inċident. Talab ukoll aktar informazzjoni dwar il-belisha Lights ta triq Henry Calleja, li jitwahhlu t-tabelli ħdejn l-iskola Primarja, li titnaddaf l-area ta' ħdejn is-substation fi Triq ta' Giorni kif ukoll ġie deċiż li l-Perit jiġi mitlub kwotazzjoni sabiex jipprovdi l-block plans mitluba mit-Transport Malta dwar Triq il-Fraxxnu.

15.5.04 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri pproponiet li taht l-arkati ta ħdejn il-Barrakuda jsiru madum bl-arma tal-malta eċċ u c-Ċermen ppropona li minflok madum minħabba l-maltemp li jagħmel f'dik l-area jsiru graffiti minflok.

15.5.05 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ġibdet l-attenzjoni li t-taraġ ta' ħdejn Pepperoncino mkisser u għandu bżonn jitranġa kemm it-taraġ u l-handrail.

15.5.06 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar it-telqa li hemm fil-kantuniera ta' Triq Dun Guzepp Xerri. l-Sindku ser jiċċekkja dwar dan.

15.5.07 Il-Kunsillier Victor Vella issuġġerixxa li jittajjar seqer fl-area sabiex nippruvaw naqqsu l-problema tal-ħamiem fil-lokalita.

## 15.6 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;

15.6.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6515 sa' 6530 u l-pagamenti tal-kontijiet (Ara Appendiċi 'A' u 'B').

15.6.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

15.6.03 Il-Kunsillier Victor Vella ssekonda fl-approvazzjoni.

**15.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

15.7.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 16 ta' Mejju 2025

15.7.02 Il-laqgħa ntemmet fis-8.30p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Malcolm Agius Muscat**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Data: 16 ta' Gunju 2025**